

Kundanna tal-forom kollha ta' razziżmu, mibegħda u vjolenza u appell għal azzjoni

- Black Lives Matter, jgħid il-PE, filwaqt li jiċħad is-supremazija bajda
- Il-MPE jikkundannaw bil-qawwa l-mewt "orrendi" ta' George Floyd u jappoġġaw il-protesti paċifiċi
- Id-diskriminazzjoni razzjali u l-fastidju għadhom komuni fl-UE kollha
- Għandu jintemm it-fassil ta' profili razzjali fil-liġi kriminali u jiġi żgurat li l-brutalità tal-pulizija tiġi kkastigata



M'hemx spazju għar-razziżmufis-soċjetajiettagħna, qal il-PE b'reazzjoni għall-protesti enormi madwar id-dinja wara l-mewt ta' George Floyd

M'hemm ebda lok għal razziżmu u diskriminazzjoni fis-soċjetajiet tagħna, jgħidu l-MPE u jitolbu li l-UE tiegħu pożizzjoni b'saħħitha u deċiżiva kontra r-razziżmu, il-vjolenza u l-inġustizzja.

F'riżoluzzjoni adottata l-Ġimgħa b'493 vot favur, 104 kontra u 67 astensjoni, il-Parlament "jikkundanna bil-qawwa l-mewt orrendi ta' George Floyd" fl-Istati Uniti, kif ukoll qtil simili f'postijiet oħra fid-dinja. Il-MPE jappellaw lill-awtoritajiet tal-Istati Uniti biex jindirizzaw ir-razziżmu u l-inugwaljanzi strutturali, jikkritikaw ir-repressjonijiet tal-pulizija ta' dimostranti paċifiċi u l-

ġurnalisti u t-theddida tal-President Trump li juża l-armata kif ukoll ir-“retorika xewwiexa” tiegħu.

Il-Kamra tappoġġa l-protesti massivi reċenti madwar id-dinja kontra r-razziżmu u d-diskriminazzjoni u tikkundanna “is-supremazija bajda fil-forom kollha”. Il-MPE jikkritikaw “l-episodji ta’ serq, ħruq, vandaliżmu u distruzzjoni tal-proprjeta pubblika u privata ikkawżati minn xi dimostraturi vjolenti”, filwaqt li jitolbu fl-istess waqt li “l-użu sproporzjonat tal-forza u t-tendenzi razzisti fl-infurzar tal-liġi” jiġi ddenunzjati pubblikament kull meta u kull fejn iseħħu.

L-użu tal-forza mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għandu dejjem ikun “legali, proporzjonat, meħtieġ u tal-aħħar għażla”, filwaqt li l-MPE jinsistu li “l-użu eċċessiv tal-forza kontra l-folol jikser il-prinċipju tal-proporzjonalità”. Il-PE jenfasizza li l-każijiet ta’ brutalità u ta’ abbuż mill-pulizija m’għandhomx ma jiġux ikkastigati u li ċ-ċittadini għandhom id-dritt li jirrikordjam xeni ta’ vjolenza mill-pulizzija biex jużawhom bħala evidenza.

Tmjem it-tfassil ta’ profili razzjali u etniċi, u tkabbir tad-diversità fil-pulizija

It-test jitlob lill-UE u lill-Istati Membri biex itemmu t-tfassil ta’ profili razzjali u etniċi fil-forom kollha fl-infurzar tal-liġi kriminali, il-miżuri kontra t-terroriżmu u l-kontrolli tal-immigrazzjoni. It-teknoloġiji ġodda f’dan il-qasam m’għandhomx jiddiskriminaw kontra l-minoritajiet razzjali u etniċi, iżżid ir-riżoluzzjoni.

L-awtoritajiet tal-pulizija u tal-infurzar tal-liġi għandu jkollhom “rekord eżemplari dwar l-antirazziżmu u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni” u għandhom isaħħu t-taħriġ f’dan ir-rigward, jgħidu l-MPE, filwaqt li jappellaw ukoll għal aktar diversità fi ħdan il-forzi tal-pulizija.

Delitti Ewropej kontra l-umanità mwettqa kontra persuni suwed fil-passat

Skont il-Parlament, l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri għandhom jirrikonoxxu b’mod uffiċjali l-inġustizzji u d-delitti tal-passat kontra l-umanità kommessi kontra l-persuni suwed, persuni ta’ kulur u r-Roma.

Il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni fl-oqsma kollha għandha tkun prijorità tal-UE, jgħidu l-MPE, li jħeġġu lill-Kunsill biex “jikkonkludi immedjatament in-negozjati dwar [id-Direttiva Orizzontali dwar in-nuqqas ta’ diskriminazzjoni](#)”, imblukkat mill-pajjiżi tal-UE minn meta l-Kummissjoni pproponiet fl-2008.

Il-libertà tal-kelma ma tiproteġix ir-razziżmu u l-xenofobja

Ir-riżoluzzjoni tenfasizza li l-espressjonijiet razzisti u xenofobiċi mhumiex koperti mill-libertà tal-kelma. Il-MPE “jikkundannaw il-fatt li l-forzi politiċi estremisti u ksenofobiċi madwar id-dinja

qegħdin jirrikorru dejjem aktar għaddistorsjoni tal-fatti storiċi, statistiċi u xjentifiċi u jagħmlu użu minn simboliżmu u retorika li jfakkru aspetti ta’ propaganda totalitarja, inklużi r-razziżmu, l-anti-Semitiżmu u l-mibegħda lejn il-minoranzi.”

Skont l-Aġenzija tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, in-nies madwar l-UE jħabbtu wiċċhom sistematikament ma' fastidju, diskriminazzjoni, preġudizzju stabbilit u tfassil ta' profili etniċi diskriminatorji minħabba l-kulur tal-ġilda tagħhom, it-twemmin reliġjuż jew l-etniċità tagħhom, b'1 minn kull 5 persuna sewda u kważi 3 minn kull 10 Lhudi jesperjenzjaw tali fastidji.

Għal aktar informazzjoni

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

It-test adottat ser ikun disponibbli hawnhekk

Il-MPE jikkundannaw il-vjolenza u l-vjolenza tal-pulizija fid-dibattitu dwar il-mewt ta' George Floyd (dibattitu fil-plenarja, 17.06.2020)

Riżoluzzjoni tal-PE dwar id-drittijiet fundamentali tal-persuni ta' dixxendenza Afrikana (26.03.2019)

Tkun iswed fl-UE — It-tieni sħarriġ tal-UE dwar il-Minoranzi u d-Diskriminazzjoni fl-Unjoni Ewropea — Sommarju (Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali, 15.11.2019)

Ritratti, filmati u materjal awdjo bla ħlas

Kuntatti

Estefanía NARRILLOS

Press Officer

☎ (+32) 2 28 31324 (BXL)

☎ (+33) 3 881 73661 (STR)

☎ (+32) 498 98 39 85

✉ estefania.narrillos@europarl.europa.eu

✉ libe-press@europarl.europa.eu

🐦 [@EP_Justice](https://twitter.com/EP_Justice)
